# riċerka

maħruġ mill-MOVIMENT KATTOLIKU TA' L-ISTUDENTI UNIVERSITARJI (M.K.S.U.)
Għadd 35 Mejju 1990

## GRUPP RIĊERKA

**Editur:** Jesmond Schembri
**Membri:** Olav Attard, Charlotte Grech, Franco Sciberras.
**Disinn tal-Qoxra:** Charmaine Tanti.

## WERREJ

Editorjal 3
The Pope's visit in our Country:
What does it mean for me? 4
Is-Snin Tmenin, is-Snin Disgħin 5
MKSU - Għad hemm postu f'Università
dejjem aktar issekularizzata? 6
Il-Knisja f'Malta fis-Snin Tmenin
Fatti u Evalwazzjoni 7
Soli jew Solidarjetà? 8
Nhar l-Ewwel tas-Sena 10
Sub-Group 'Università' MKSU 10
Għalfejn l-Assoċjazzjoni? 11
Esperjenza f'Bormla 12
Il-Festi f'Malta:
Diskriminazzjoni bejn il-Qaddisin? 13
The Spring in Tiananmen 14
Il-Mediterran - Sfida għall-Ewropa 15

# Il-Knisja f'Malta fis-Snin Tmenin
## *Fatti u Evalwazzjoni*

F'dawn il-kelmtejn ser nagħti ħarsa ħafifa lejn dak li jidhirli li kienet il-Knisja f'Malta matul is-snin tmenin. Li bi ħsiebni nagħmel hu li nagħti pinzellata ħafifa fuq il-ġrajjiet prinċipali tal-Knisja lokali matul dan iż-żmien. Għalfejn pinzellata? Xejn għajr biex inkun nista' nfarfar *bil-mod* il-ftit għabra u trab li setgħu inġemgħu maż-żmien. Nuża pinzell biex ma ntajjarx trab u forsi nagħtas. Trab li seta' ġie minn nuqqas ta' kritika bilanċjata fuq dak li seħħ.

Dak li aħna llum għandu bħala pern dak kollu li int u jien konna. Għax, wara kollox, il-Knisja mhix l-Isqof jew il-qassisin biss, imma hija aħna lkoll flimkien mar-rgħajja tagħna.

Jien naħseb li l-Knisja f'Malta, għalkemm ma baqgħetx tiddomina x-xena bħalma kienet fl-imgħoddi, xorta waħda għadha punt ta' riferiment għall-biċċa l-kbira tal-poplu Malti. Jien nara l-Knisja f'Malta fis-snin tmenin bħal dik il-ftit ħmira li tgħolli l-għaġna kollha, kif naqraw fil-Vanġelu. Qed nuża din it-tixbiha għax f'ħafna ċirkustanzi, il-ħidma u l-impenn tal-Knisja mhux dejjem dehru b'mod ċar, imma l-effett tagħhom jinħass jew jixhduh bejnhom u bejn ruħhom dawk li sabu u għadhom isibu omm ħanina fil-Knisja. Naf li hemm min ma jaqbilx miegħi għal kollox dwar dan. Li qed ngħid huwa kollu mil-lenti tiegħi u frott ta' l-esperjenza tiegħi tal-Knisja.

Naħseb li l-ħsieb ta' ħafna kif raw l-isem ta' l-artiklu fis mar fuq xi problemi li ħabbtet wiċċha magħhom il-Knisja fit-tmeninijiet. Qed nirreferi għal kwistjonijiet mal-Gvern dwar il-propjetà tal-Knisja u dwar l-iskejjel tal-Knisja, li faqqgħu fl-1983 u fl-1984 rispettivament. Kienu mumenti iebsa, imma li naħseb li għenu lin-nies jimmaturaw l-ideja tagħhom dwar il-Knisja u ta' kif tirreaġixxi l-Knisja llum. Narahom ukoll bħala mumenti li saħħu l-Knisja u għenuha tissaffa kemm fil-ħsieb tagħha kif ukoll fid-dmir tagħha li tagħti każ tal-bniedem sħiħ.

F'dan il-kuntest niftakar fil-pubblikazzjoni għall-ewwel darba ta' l-*Accounts* tal-knisja lokali għas-sena 1982 f'Settembru 1983. Dan għen biex jagħti stampa ċara tad-dħul u l-ħruġ kollu tal-Knisja. Ta dehra ta' *openess*, jew kif saret tissejjaħ minn ftit tas-snin 'il hawn, *glasnost*.

Niftakar ukoll li fl-1982 l-Arċisqof kien beda Viżta Pastorali ta' l-Arċidjoċesi, li bdiet tajjeb imma li għal xi raġuni jew oħra mietet fuq ruħ ommha u waqfet ħesrem. Naħseb li hi x-xewqa ta' ħafna, speċjalment dawk li għandhom memorja tajba u jiftakru meta bdiet din il-viżta, li tkompli, jew aħjar li tibda mill-ġdid. Mhux il-każ li nibku jew nippruvaw inkejlu l-ġid li seta' sar kieku...

F'Settembru 1983, saru żewġ kungressi internazzjonali f'Malta: id-IX Kungress Marjoloġiku u s-XVI-il Kungress Marjan. Kien ġie il-Kardinal Pappalardo, il-Legat (mibgħut speċjali) tal-Papa. In-nies ikkonkorrew b'mod qawwi għall-manifestazzjonijiet u l-attivitajiet li saru. Nispera li l-qawmien Marjan li rajna ma kienx nar tat-tiben biss.

F'Settembru ta' l-1985 saret il-Festażgħażagħ, in-Naxxar. Il-motto *""Żgħażagħ il-Knisja għalina wkoll"* tassew fisser l-ambjent ta' ko-ordinament bejn il-gruppi u l-għaqdiet taż–żgħażagħ fi sfond ta' ferħ u spirtu Nisrani. Il-Festażgħażagħ swiet biex iġġib flimkien il-ħafna gruppi ta' żgħażagħ li xi wħud minnhom forsi qatt ma rriflettew kemm tassew huma kienu jinsabu fi ħdan il-Knisja.

F'Settembru ta' l-1985 ukoll, sar Kungress dwar "Il-Knisja Maltija 20 sena wara l-Konċilju", waqt li sena wara sar Kungress dwar il-Familja Maltija. Dawn kienu okkażjoni konkreta ta' riflessjoni fuq dak li tinsab għaddejja minnu s-soċjetà Maltija. Kien hemm parteċipazzjoni qawwija mil-lajċi. U dan kien sinjal inkoraġġanti ħafna. U la semmejt il-lajċi, tajjeb li nsemmi l-kors ta' filgħaxija li jwassal għall-B.A. fl-Istudji Reliġjużi tal-Fakultà tat-Teoloġija f'Ottubru ta' l-1980. Dan narah bħala barka għall-Knisja f'Malta minħabba n-numru konsiderevoli ta' lajċi li attendew. Kien mument li fih setgħu jidħlu aktar fil-fond fil-fidi, u anke ħadu formazzjoni li biha setgħu jagħtu sehem aktar sħiħ fil-parroċċi u fl-għaqdiet tagħhom.

Anke għas-saċerdoti nħasset il-ħtieġa ta' *on-going formation*. Dan qed isir permezz ta' kors annwali msejjaħ *Aġġornament tal-Kleru*, u ta' *in-service courses* għas-saċerdoti. Dan igħin biex is-saċerdoti jitħarrġu dejjem aktar u ma jieqfu qatt jitħejjew biex ikunu animaturi aħjar u iktar preparati fi ħdan il-komunità Nisranija.

Nagħlaq dawn ir-riflessjonijiet qosra billi nsemmi l-Pjan Pastorali (1986-91). Kif qal l-Arċisqof fil-messaġġ li bih ippreżenta dan il-Pjan "lill-Poplu ta' Alla li hu f'Malta", "Il-pjan... jitlob il-kooperazzjoni tal-forzi kollha li għandha l-Knisja f'pajjiżna: saċerdoti, reliġjużi rġiel u nisa, lajċi impenjati fl-appostolat, u l-kattoliċi Maltin kollha... jagħmel enfasi kbira fuq il-ħtieġa ta' l-evanġelizzazzjoni ...[u] rikonċiljazzjoni sħiħa." (Ċirkulari, 24/11/85) Forsi ħafna jħarsu lejn il-Pjan Pastorali b'mod pessimist, u jgħidu li ftit li xejn twettaq minnu. Naħseb li ħaġa pożittiva li ħarġet minnu hi t-twelid tad-diversi Segretarjati u Kummissjonijiet li l-għan tagħhom hu li jikkoordinaw u jippjanaw b'mod effikaċi u, nispera li iktar effettiv, il-ħidma tal-Knisja f'pajjiżna.

Din hi biss ħarsa ħafifa lejn dak li għamlet il-Knisja f'Malta b'mod ġenerali. Ma qgħadtx nidħol fi ġrajjiet singulari - kemm għax għadu kmieni biex wieħed jiżen l-effett tagħhom illum, kif ukoll għax biċċa xogħol bħal din inħalluha f'idejn l-istoriċi.

B'mod ġenerali, meta nħares lejn il-Knisja f'Malta fit-tmeninijiet, inħobb inħares ftit lejn l-imġiba tiegħi. U nistaqsi lili nnifsi: Kemm kont *melħ ta' l-art u dawl tad-dinja?* Kemm kont *ħmira* tas-soċjetà fl-iskola, fil-post tax-xogħol, fl-Università? Nistieden lilek ukoll tagħmel l-istess.

**Hector M. Scerri**
**S.Th.B. IV**